



STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 162/22

il-Lussemburgu, 28/09/2022

Sentenza tal-Qorti Ġenerali fil-Kawża T-174/21 | Agrofert vs Il-Parlament

Id-deċiżjoni tal-Parlament li jiġi rrifjutat l-aċċess għal żewġ dokumenti relatati mal-investigazzjoni kontra Andrej Babiš, ex Prim Ministru Ċek, għal użu abbużiv tal-fondi Ewropej u kunflitti ta' interessi potenzjali hija valida.

Il-Qorti Ġenerali tikkonstata, minn naħa, it-tmiem tal-interess ġuridiku tal-kumpannija Agrofert kontra d-deċiżjoni ta' rifjut li jingħatalha aċċess għal rapport li l-Kummissjoni kienet ifformulat dwar dan il-qasam u, min-naħa l-oħra, tiċħad ir-rikors ta' din il-kumpannija kontra d-deċiżjoni ta' rifjut ta' aċċess għal ittra indirizzata mill-Kummissjoni lill-Prim Ministru Ċek.

Ir-rikorrenti, Agrofert, a.s., hija kumpannija holding Ċeka li tikkontrolla iktar minn 230 kumpannija attiva f'diversi setturi tal-ekonomija, bħall-agrikoltura, il-produzzjoni tal-prodotti tal-ikel, l-industrija kimika jew il-media. Hija għet inizjalment ikkostitwita minn Andrej Babiš, li kien Prim Ministru tar-Repubblika Ċeka mill-2017 sal-2021. F'riżoluzzjoni tal-Parlament ¹ dwar il-ftuħ mill-ġdid tal-investigazzjoni fil-konfront tal-Prim Ministru Ċek dwar użu abbużiv ta' fondi tal-Unjoni Ewropea u kunflitti ta' interessi potenzjali, ġie ddikjarat li huwa kompli jikkontrolla l-grupp Agrofert wara li ġie maħtur bħala Prim Ministru. Fid-dawl ta' din l-affermazzjoni ineżatta, peress li xtaqet tkun taf is-sorsi u l-informazzjoni miżmuma mill-Parlament qabel ma jadotta din ir-riżoluzzjoni, ir-rikorrenti ressqet quddiemu talba għal aċċess għal diversi dokumenti ². Fit-tweġiba inizjali tiegħu tal-14 ta' Settembru 2020, il-Parlament identifika ċerti dokumenti bħala li kienu pubblikament aċċessibbli u rrifjuta l-aċċess għal ittra tal-Kummissjoni lill-Prim Ministru Ċek u għal rapport tal-awditjar finali tal-Kummissjoni dwar awditu dwar il-funzjonament tas-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll stabbiliti fir-Repubblika Ċeka sabiex jiġu evitati kunflitti ta' interessi ³. Bħala tweġiba għal applikazzjoni konfermatorja, il-Parlament, b'deċiżjoni tal-15 ta' Jannar 2021 ⁴, b'mod partikolari kkonferma r-rifjut ta' aċċess tiegħu għal dawn iż-żewġ dokumenti abbażi tal-eċċezzjoni dwar il-protezzjoni tal-għanijiet ta' spezzjoni, ta' investigazzjoni u ta' awditu prevista mir-Regolament Nru 1049/2001 ⁵.

¹ Riżoluzzjoni tal-Parlament 2019/2987 (RSP) tad-19 ta' Ġunju 2020 dwar il-ftuħ mill-ġdid tal-proċedura fil-konfront tal-Prim Ministru tar-Repubblika Ċeka dwar l-użu ħażin ta' fondi tal-UE u kunflitti ta' interess potenzjali (ĠU 2021, C 362, p. 37).

² Skont ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 3, p. 331).

³ Konformement mal-Artikoli 72 sa 75 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas 17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU 2013, L 347, p. 320, rettifikasi fil-ĠU 2016, L 200, p. 140, fil-ĠU 2019, L 66, p. 6 u fil-ĠU 2022, L 146, p. 155).

⁴ Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew A (2019) 8551 C (D 300153) tal-15 ta' Jannar 2021 li permezz tagħha rrifjuta lir-rikorrenti l-aċċess għal żewġ dokumenti relatati mal-investigazzjoni kontra l-ex Prim Ministru tar-Repubblika Ċeka għal użu abbużiv tal-fondi Ewropej u kunflitti ta' interessi potenzjali.

⁵ Eċċezzjoni prevista fit-tielet inċiż tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament Nru 1049/2001.

Adita b'rikors għal annullament kontra din id-deċiżjoni, il-Qorti Ġenerali, minn naħa, **tikkonstata t-tmiem tal-interess ġuridiku tar-rikorrenti kontra d-deċiżjoni ta' rifjut tal-Parlament li jagħtiha aċċess għar-rapport tal-awditjar finali tal-Kummissjoni** u, min-naħa l-oħra, **tiċħad ir-rikors kontra d-deċiżjoni ta' rifjut ta' aċċess għall-ittra tal-Kummissjoni lill-Prim Ministru Ċek.**

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali

Fl-ewwel lok, il-Qorti Ġenerali teżamina jekk, wara l-pubblikazzjoni mill-Kummissjoni tar-rapport tal-awditjar finali tagħha, ir-rikorrenti żammitx l-interess ġuridiku tagħha, sa fejn it-talba għal annullament tagħha tirrigwarda r-rifjut ta' aċċess, mill-Parlament, għal dan ir-rapport.

Hija tikkonstata li, **wara l-pubblikazzjoni tal-imsemmi rapport, ir-rifjut tal-Parlament ta' aċċess għal dan id-dokument ma għandux iktar effett** sa fejn l-awtur tad-dokument, il-Kummissjoni, iddeċieda li jagħmlu aċċessibbli għall-pubbliku, u li **l-annullament tad-deċiżjoni kkontestata**, sa fejn tirrifjuta l-aċċess għall-imsemmi rapport, **ma jwassal għal ebda konsegwenza addizzjonali** fir-rigward tal-iżvelar ta' dan id-dokument u **ma jistax jagħti benefiċċju lir-rikorrenti.**

Dawn il-konstatazzjonijiet ma humiex ikkontestati mill-fatt li l-Kummissjoni ma ppubblikatx il-verżjoni sħiħa tar-rapport tal-awditjar finali. Fil-fatt, il-Qorti Ġenerali tfakkar li talba għal aċċess għandha l-effett li tagħmel id-dokument inkwistjoni aċċessibbli għall-pubbliku u tista' twassal biss għall-iżvelar tal-verżjoni pubblika tiegħu. F'dan ir-rigward, hija tirrileva li, sabiex tiddeċiedi li ma tagħmilx aċċessibbli għall-pubbliku ċerta data li tinsab fir-rapport tal-awditjar finali, il-Kummissjoni ma bbażatx ruħha fuq l-eċċezzjoni dwar il-protezzjoni tal-għanijiet ta' spezzjoni, ta' investigazzjoni u ta' awditu prevista mir-Regolament Nru 1049/2001, iżda fuq ir-rekwiżiti relatati mal-protezzjoni ta' ċerta informazzjoni, bħad-data personali jew is-sigrieti kummerċjali. Minn dan tiddeduċi li l-annullament tad-deċiżjoni ta' rifjut tal-Parlament li jagħti aċċess għar-rapport tal-awditjar finali, abbażi tal-eċċezzjoni dwar il-protezzjoni tal-għanijiet ta' spezzjoni, ta' investigazzjoni u ta' awditu prevista mir-Regolament Nru 1049/2001, ma għandux l-effett li jagħmel din id-data pubblika, peress li l-Parlament ma huwiex l-awtur tal-imsemmi rapport u għalhekk ma jistax imur lil hinn mill-iżvelar mogħti mill-Kummissjoni, awtur ta' dan id-dokument. Għalhekk, minħabba l-pubblikazzjoni tar-rapport tal-awditjar finali, ir-rikorrenti kisbet l-uniku benefiċċju li r-rikors tagħha seta' jagħtiha.

Il-Qorti Ġenerali żżid li l-fatt li r-rikorrenti għażlet li titlob l-aċċess għar-rapport tal-awditjar finali lill-Parlament u mhux lill-istituzzjoni li hija l-awtur tiegħu ma jistax iwassal sabiex jitqies li l-pubblikazzjoni ta' dan id-dokument mill-Kummissjoni tikkostitwixxi żvelar minn "terz", filwaqt li din tal-aħħar hija l-awtur tiegħu.

Hija tikkonkludi li **l-interess ġuridiku tar-rikorrenti kontra d-deċiżjoni kkontestata** sa fejn il-Parlament irrifjuta l-aċċess għar-rapport tal-awditjar finali kien intilef.

Fit-tieni lok, il-Qorti Ġenerali tanalizza t-talba għall-annullament parzjali tad-deċiżjoni kkontestata, sa fejn il-Parlament irrifjuta lir-rikorrenti l-aċċess għall-ittra tal-Kummissjoni.

L-ewwel, hija tiċħad l-ewwel motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-eċċezzjoni dwar il-protezzjoni tal-għanijiet ta' spezzjoni, ta' investigazzjoni u ta' awditu prevista mir-Regolament Nru 1049/2001, sa fejn il-Parlament ma stabbilixxiex li l-kundizzjonijiet ta' rifjut ta' aċċess għall-ittra tal-Kummissjoni kienu ġew osservati.

F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali tqis li, f'dan il-każ, l-għan ta' investigazzjoni tal-Kummissjoni, jiġifieri li tiġi żgurata l-konformità tas-sistemi ta' kontroll u ta' ġestjoni ta' Stat Membru mad-dritt tal-Unjoni, ma kienx intlaħaq bl-adozzjoni tal-ittra ta' segwitu tal-Kummissjoni. Fil-fatt, dan l-għan ma jistax ikun limitat biss għall-analiżi tas-sistemi stabbiliti mill-Istat Membru kkonċernat; l-implimentazzjoni, minn dan tal-aħħar, tar-rakkomandazzjonijiet ifformulati mill-Kummissjoni fir-rapport tal-awditjar tagħha tikkostitwixxi wkoll stadju għat-twettiq tiegħu. Għalhekk, **il-protezzjoni tal-għanijiet ta' investigazzjoni żgurata minn din l-eċċezzjoni la tintemm bl-adozzjoni tal-imsemmi rapport u lanqas b'dik tal-ittra ta' segwitu li permezz tagħha l-Kummissjoni tiżgura s-segwitu** tar-rakkomandazzjonijiet ifformulati fl-imsemmi rapport. Fiż-żewġ każijiet, **jinfetħu fażijiet ta' skambji mal-Istat Membru**, waħda fuq ir-

rakkomandazzjonijiet inizjali, l-oħra fuq dawk li jibqgħu miftuħa, **li jagħmlu parti mill-attivitajiet ta' investigazzjonijiet koperti minn din l-eċċezzjoni.**

Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali tiċħad l-argument tar-rikorrenti bbażat fuq il-fatt li l-Parlament ma stabbilixxiex li l-iżvelar tal-ittra tal-Kummissjoni seta' jippreġudika l-investigazzjoni. Fil-fatt, minn naħa, sabiex jistabbilixxi r-rabta bejn l-ittra tal-Kummissjoni u l-investigazzjoni ta' awditu inkwistjoni, il-Parlament kellu juri biss li din l-ittra kienet tagħmel parti mid-dokumenti relatati mal-attivitajiet tal-investigazzjoni li kienet għaddejja. Min-naħa l-oħra, **il-motivazzjoni li tinsab fid-deċiżjoni kkontestata hija suffiċjenti sabiex tiġi spjegata r-raġuni għalfejn l-iżvelar tal-ittra tal-Kummissjoni seta' jippreġudika l-għan ta' investigazzjoni ta' awditu**, minħabba li, peress li l-Prim Ministru Ċek kien direttament implikat, kien importanti li tiġi osservata l-kunfidenzjalità tad-djalogu bejn dan tal-aħħar u l-Kummissjoni.

It-tieni, il-Qorti Ġenerali tiċħad it-tieni motiv, ibbażat fuq l-assenza ta' teħid inkunsiderazzjoni tal-eżistenza ta' interess pubbliku superjuri li jiġġustifika l-iżvelar tal-ittra tal-Kummissjoni. Fil-fatt, huwa minnu li l-eżistenza tad-drittijiet tad-difiża tippreżenta fiha nfisha interess ġenerali. Madankollu, il-fatt li dawn id-drittijiet jimmanifestaw ruħhom f'dan il-każ bl-interess suġġettiv tar-rikorrenti li tiddefendi ruħha mill-akkużi serji magħmula mill-Parlament kontriha jimplika li **l-interess invokat mir-rikorrenti ma huwiex interess ġenerali iżda interess privat, b'tali mod li din tal-aħħar ma wrietx li kien jeżisti interess pubbliku superjuri li jiġġustifika l-iżvelar tal-ittra tal-Kummissjoni.**

NOTA: Ir-rikors għal annullament huwa intiż sabiex jiġu annullati atti ta' istituzzjonijiet tal-Unjoni li ma jkunux konformi mad-dritt tal-Unjoni. Taħt ċerti kundizzjonijiet, l-Istati Membri, l-istituzzjonijiet Ewropej u l-individwi jistgħu jippreżentaw rikors għal annullament quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja jew il-Qorti Ġenerali. Jekk ir-rikors ikun fondat, latti jiġi annullat. L-istituzzjoni kkonċernata għandha ssib rimedju għal lakuna ġuridika eventwali li tinħoloq blannullament tal-att.

NOTA: Appell mid-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali, limitat għal kwistjonijiet ta' dritt, jista' jiġi ppreżentat quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja f'terminu ta' xahrejn u għaxart ijiem mill-komunikazzjoni tagħha.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti Ġenerali.

It-[test sħiħ](#) tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355

Ritratti tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☎ (+32) 2 2964106

lbqgħu konnessi!

